# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sitta (6) ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru 171/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**Easygas Malta Limited (C- 45789)**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 17 ta' Marzu 2021, li permezz tiegħu is-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

> *1. Illi permezz ta' rikors ġuramentat datat l-ewwel (1) ta' Marzu 2011, ġiet intavolata mis-soċjetà Liquigas Malta Ltd ('Liquigas') kawża kontra s-soċjetà rikorrenti fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Liquigas Malta Ltd vs Easygas Malta Ltd, quddiem l-Onorevoli Imħallef Mark Chetcuti, Rikors Ġuramentat Nru 207/11;*
>
> *2. Illi l-ewwel dehra kienet fis-sittax (16) ta' Mejju 2011. B'kollox kien hemm sebgħa u għoxrin (27) seduta quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, sakemm inġabru l-provi kollha u l-partijiet għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom kemm bil-miktub kif ukoll oralment, sakemm, fis-seduta tas-sittax (16) ta' April 2015, il-kawża tħalliet għas-sentenza, liema sentenza ngħatat propju fil-ħamsa (5) ta' Ottubru 2015;*
>
> *3. Illi kemm Liquigas kif ukoll is-soċjetà rikorrenti ħassewhom aggravati mid-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti u għalhekk iż-żewġ partijiet intavolaw l-appelli rispettivi tagħhom nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Ottubru 2015;*
>
> *4. Illi l-appell fl-ismijiet premessi per l-Onorevoli Imħallef Giannino Caruana Demajo, Onorevoli Imħallef Tonio Mallia u Onorevoli Imħallef Anthony Ellul, Ref Nru 207/2011/2, ġie appuntat għas-smigħ nhar il-ħamsa (5) ta' Novembru 2020;*

5. *Illi dan ifisser illi l-appell ġie appuntat ħames (5) snin u għaxart (10) ijiem wara li s-soċjetà rikorrenti intavolat ir-rikors tal-appell tagħha;*

6. *Illi fid-dsatax (19) ta' Novembru 2020, l-avukati tal-partijiet trattaw il-posizzjonijiet rispettivi tagħhom, u sussegwentement il-Qorti tal-Appell ħalliet l-appell għas-sentenza għall-għaxra (10) ta' Diċembru 2020;*

7. *Illi fl-għaxra (10) ta' Diċembru 2020, il-Qorti tal-Appell ddisponiet mill-appelli taż-żewġ partijiet u rriformat is-sentenza appellata billi:*

> *i. Tħassarha fejn laqgħet l-ewwel talba ta' Liquigas u, minflok tiċħad dik it-talba;*
>
> *ii. Tħassarha fejn ċaħdet it-tieni talba ta' Liquigas u, minflok, tilqa' dik it-talba u tikkundanna lil Easygas trodd iċ-ċilindri kollha ta Liquigas li għandha f'idejha fi żmien sebat ijiem [mid-data tas-sentenza];*
>
> *iii. Tħassarha fejn illikwidat id-danni mġarrba minn Liquigas fis-somma ta' ħames mija u tmienja u sebgħin elf, seba' mija u ħmistax-il Ewro (€578,715) u kkundannat lil Easygas tħallas id-danni hekk likwidati, u, minflok, tillikwida d-danni fis-somma ta' erba' mija u sitta u tletin elf, disa' mija u ħamsa u sittin Ewro (€436,965) u tikkundanna lil Easygas tħallas is-somma hekk likwidata; u*
>
> *iv. Tikkonferma s-sentenza fil-bqija.*

8. *Illi skont din is-sentenza, Easygas kienet obbligata tħallas lil Liquigas, oltre s-sorte ta' €436,965, imgħaxijiet legali mid-data tal-preżentata tas-sentenza – 01.03.2011 sad-data tal-ħlas effettiv, li seħħ f'Jannar 2021;*

9. *Illi b'kollox, is-soċjetà rikorrenti kellha tħallas l-ammont ta' €345,155.20 f'imgħaxijiet legali lil Liquigas, u dan wara illi l-proċeduri in kwistjoni damu disa' snin, disa' xhur u għaxart ijiem biex jiġu konklużi – total ta' tlett elef ħames mija u tlieta u sebgħin (3,573) jum. Minn dawn, kien hemm elf, tmien mija u sebgħa u tletin (1,837) jum sabiex l-appell jiġi appuntat;*

10. *Illi s-soċjetà rikorrenti tirrileva illi dan it-trapass ta' żmien ma huwiex ġustifikabbli. Minħabba dan id-dewmien, Easygas sofriet danni sostanzjali, b'mod partikolari – iżda mhux biss – minħabba l-ħlas f'imgħax legali li jammonta għal €345,155.20;*

11. *Illi din il-lanjanza għalhekk sarrfet f'danni finanzjarji inutli għall-istess Easygas, għaliex minbarra l-ħlas tal-imgħax, hija kellha tipposponi jew saħansitra twaqqaf numru ta' investimenti importanti illi kellha l-opportunità li tagħmel, u dan propju minħabba l-fatt illi kienet għadha qiegħda tistenna l-eżitu ta' dawn il-proċeduri sabiex tkun taf f'liema sitwazzjoni finanzjarja hija tassew tinsab;*

12. *Illi Easygas tħossha profondament aggravata b'dan id-dewmien, liema dewmien bl-ebda mod ma huwa attribwibbli lilha.*

13. *Illi huwa għalhekk illi hija tħoss il-ħtieġa illi tipproċedi b'dawn il-proċeduri sabiex titlob kumpens ġust u xieraq għall-vjolazzjoni tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli, hekk kif protett mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif traspost fil-Liġi Maltija permezz tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, is-soċjetà rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni li jidhrilha xierqa, jogħġobha:*

1. *TIDDIKJARA u TIDDEĊIEDI illi d-drittijiet tas-soċjetà rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli, hekk kif protett mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ġew vjolati bid-dewmien*

*tal-kawża ċivili tagħha, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna d-dewmien ta' ħames snin u għaxart ijiem sabiex jiġi appuntat is-smigħ tal-appell fl-ismijiet Liquigas Malta Ltd vs Easygas Malta Ltd (Ref Nru 207/2011/2);*

*2. TILLIKWIDA ammont ta' danni pekunarji kif ukoll non-pekunarji sofferti mis-soċjetà rikorrenti kawża tal-leżjoni flagranti tad-dritt tagħha għas-smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli;*

*3. TIKKUNDANNA lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat Avukat tal-Istat minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi l-Avukat ta' l-Istat fit-8 ta' April 2021 irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*1. Illi fl-ewwel lok il-jedd tas-soċjetà rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif protett kemm taħt l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma ġie bl-ebda mod mittiefes;*

*2. Illi l-fatt innifsu li l-proċeduri ġudizzjarji fl-ismijiet 'Liquigas Malta Limited vs Easygas Malta Limited et' (Kawża Ref: 207/2011), damu b'kollox għal ftit anqas minn għaxar snin sabiex jiġu konklużi ma jfissirx li l-kumpannija rikorrenti ġarrbet xi ksur awtomatiku tal-jedd fondamentali għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Ma hemm l-ebda 'time limit' li awtorità ġudizzjarja trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċedura quddiemha u għalhekk hija l-kumpannija rikorrenti li trid tipprova li kien hemm dewmien b'tali mod li kien tassew 'irraġonevoli' u li wassalha sabiex ġarrbet ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħha;*

*3. Illi hija ġurisprudenza kostanti kemm tal-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li t-tul ta' proċeduri ġudizzjarji m'għandux jiġi determinat fl-astratt jew minn-numru ta' snin li tkun damet għaddejja l-kawża, iżda għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ in diżamina. Huwa stabbilit li l-fatturi li prinċipalment għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ ta' proċess ġudizzjarju, eċċediex il-parametri tas-smigħ fi żmien raġonevoli huma tlieta u ċioè: (i) l-komplessità tal-każ, (ii) l-aġir tal-partijiet fil-kawża, u (iii) l-aġir tal-awtorità ġudizzjarja, li f'dan il-każ kienu l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Appell Ċivili (Superjuri). Jiġi b'hekk li sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddetermina jekk il-proċeduri ġudizzjarji mertu tal-ilment tar-rikorrenti damux aktar milli mistenni, din l-Onorabbli Qorti għandha teżamina l-proċeduri ġudizzjarji fl-ismijiet 'Liquigas Malta Limited vs Easygas Malta Limited et' (Kawża Ref: 207/2011), fl-assjem tagħhom. Ma jistax jiġi eżaminat biss element jew parti wieħed minn dawn il-proċeduri bħalma huwa l-perkors taż-żmien mill-preżentata tar-risposta għall-appell inċidentali sad-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell;*

*4. Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tqis b'mod serju l-ilment tal-kumpannija rikorrenti fid-dawl tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jrid jiġi ppruvat li mhux biss il-każ dam pendenti, iżda li tali dewmien kien wieħed kapriċċjuż u maħsub biex jiżvantaġġja lir-rikorrenti fit-tgawdija tad-drittijiet tagħha skont il-liġi. Żgur li l-perkors taż-żmien sabiex ġie appuntat s-smigħ tal-appell ma kienx xi għemil 'kappriċċjuż' jew maħsub biex jiżvantaġġja lil-kumpannija rikorrenti li f'dawk il-proċeduri kienet l-intimata. Mhux talli l-proċeduri tal-appell ma kkawżaw l-ebda żvantaġġ lil-kumpanija Easygas Malta Limited, iżda talli kienu effettivi fis-sens li wassluha sabiex b'kollox iffrankat is-somma konsiderevoli ta' €141,750 rappreżentanti danni dovuti lill-Liquigas Malta Limited li ġew imnaqqsa mis-somma ta' €578,715 hekk kif oriġinarjament likwidati mill-Ewwel Qorti;*

*5. Illi minn kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazjoni tal-kawża, minn titwila ħafifa lejn il-verbali tal-proċeduri ġudizzjarji fl-ismijiet 'Liquigas Malta Limited vs Easygas Malta Limited et' (Kawża Ref: 207/2011), jidher kif wieħed mill-fatturi prinċipali għalfejn dawk il-proċeduri damu ftit anqas minn għaxar snin sabiex ġew magħluqa kien dovut għall-mod ta' kif il-kumpannija Easygas Malta Limited ġabet ruħha u stradat id-difiża tagħha fil-proċeduri ta' quddiem l-Ewwel Qorti. Mhux talli l-kumpannija rikorrenti ħadet kważi tlettax (13) -il*

*seduta sabiex ressqet il-provi tagħha u ċioè aktar minn sentejn, iżda talli fl-ewwel seduta li ġiet appuntanta f'dawk il-proċeduri kienet is-soċjetà Easygas Malta Limited stess li opponiet għat-talba ta' Liquigas Malta Limited sabiex il-kawża tinstema' bl-urġenza. Skont il-prinċipju ta' volenti non fit injuria l-kumpannija rikorrenti ma tistax issa tagħmel 'u-turn' u tilmenta dwar dewmien meta hija stess opponiet li l-proċeduri jinstemgħu mingħajr dewmien;*

*6. Peress li m'għandux jinstab ksur tal-jeddijiet fondamentali tal-kumpannija rikorrenti, jsegwi li t-tieni u t-tielet talbiet li huma konsegwenzjali għall-ewwel talba għandhom jiġu wkoll miċħuda;*

*7. F'kull każ u bla ħsara għal dak diġà eċċepit, anke jekk għall-grazzja tal-argument din l-Onorabbli Qorti kellha ssib li hemm ksur u tgħaddi biex tilqa' l-ewwel talba, jekk xejn l-kumpannija rikorrenti għandha tiġi mogħtija biss danni morali u mhux danni pekunjarji kif qed tippretendi;*

*8. Illi huwa magħruf fil-ġurisprudenza tal-Qrati lokali li l-interessi fuq is-sorte jiġi mħallas bħala tpattija tal-benefiċċju li debitur, li f'dan il-każ huwa Easygas Malta Limited, ikun gawda mill-assi tal-kreditur tul iż-żmien li huwa ma jkunx ħallas dak li huwa dovut minnu. B'żieda ma' dan, l-interessi legali huma wkoll dovuti sabiex ipattu għall-fatt li l-ammont ta' flus li kreditur jkun ġie mċaħħad minnhom jkunu fil-perkors taż-żmien ġew jiswew anqas minħabba l-inflazzjoni fil-pajjiż. Applikati dawn il-prinċipji għall-proċeduri in kwestjoni, l-interessi li l-kumpannija rikorrenti ġiet ordnata tħallas lill-Liquigas Malta Limited huma dovuti sabiex Easygas Malta Limited tpatti għall-benefiċċju illeċitu li gawdiet minnu tul iż-żmien u dan billi ffrankat milli toħroġ mijiet ta' eluf ta' ewro sabiex tixtri ċilindri tal-gass tagħha meta ġiet biex tinfiltra fis-suq lokali. Teżisti għalhekk preżunzjoni li s-soċjetà rikorrenti ma ġarrbet l-ebda dannu pekunjarju u għalhekk jinkombi fuq il-kumpannija rikorrenti li tipprova dan id-dannu;*

*9. Illi f'kull każ, anke jekk il-kumpannija rikorrenti jirnexxiela tipprova li kawża tad-dewmien 'irraġonevoli' hija ġarrbet dannu finanzjarju minħabba l-interessi li ġiet ordnata tħallas mill-Qorti tal-Appell, l-esponent xorta waħda jibqa' tal-fehma soda li l-kumpannija rikorrenti ma jistħoqqilhiex li tingħata xi forma ta' danni pekunjarji. Dan qiegħed jingħad għaliex minn kif jirriżulta mis-sentenzi kemm tal-Qorti tal-Appell kif ukoll dik tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, dak li l-kumpannija Easygas Malta Limited ġiet ordnata tħallas lill-Liquigas Malta Limited jirrappreżenta ammont ta' danni li hija kkawżat bl-aġir illeċitu tagħha li mhux biss kien jikkonsisti fi ġbir ta' ċilindri tal-gass li ma kinux tagħha, iżda talli wkoll kien jikkonsisti fil-brix/grinding ta' serial numbers u t-trasport ta' dawk iċ-ċilindri lejn l-Italja bl-intenzjoni ċara li jiġu miżbugħa bil-kulur griż sabiex tingħata l-impressjoni li dawk iċ-ċilindri kienu jappartjenu lis-soċjetà rikorrenti. Skont il-massima ta' ex turpi causa non oritur actio l-kumpannija rikorrenti ma tistax issa tilmenta li ġarrbet dannu finanzjarju, li jekk jeżisti, ma huwa xejn ħlief konsegwenza tal-aġir irresponsabbli tagħha. Japplika wkoll bis-sħiħ il-prinċipju ta' commodum ex injuria sua non habere debet;*

*10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk tirriżulta l-ħtieġa;*

*Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tal-kumpannija rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha;*

## Provi

3. Rat illi fl-24 ta' Mejju 2021 ġew allegati l-atti tal-proċeduri Rikors Ġuramentat 207/2011 'Liquigas Malta Ltd vs Easygas Malta Limited' deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Diċembru 2020.

4. Rat l-affidavit ta' **Ruben Farrugia** Direttur tas-soċjeta' Easygas Malta Limited ippreżentat fl-24 ta' Mejju 2021 (fol 16).

5. Rat illi fl-24 ta' Mejju 2021, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

6. Semgħet ix-xhieda ta' Ruben Farrugia permezz ta' video conference mogħtija fil-11 ta' Jannar 2022 (fol 25).

7. Rat in-nota tas-soċjeta' Easygas Malta Limited li permezz tagħha ippreżenta pagamenti ta' spejjeż legali minnha magħmula, ppreżentati fil-15 ta' Marzu 2022 (fol 28).

8. Rat illi fil-15 ta' Marzu 2022, l-istadju tal-ġbir tal-provi ngħalaq u l-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali.

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Easygas Malta Limited, ippreżentati fl-20 ta' Mejju 2022. (fol 32).

10. Rat illi fit-30 ta' Mejju 2022 il-kawża ġiet differita għas-sentenza bid-dritt lill-Avukat tal-Istat illi jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu fi żmien xahrejn.

11. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat ta' l-Istat ippreżentata fis-26 ta' Awissu 2022 (fol 50).

**Fatti tal-każ**

12. Jirriżulta li, fis-sena 2011, kienet ġiet intavolata kawża fl-ismijiet 'Liquigas Malta Limited kontra Easygas Malta Limited (Rikors Numru 207/11), matul liema kawża, fi stadju ta' Prim' Istanza, saru 27 seduta, sakemm inġabru l-provi kollha. Fis-seduta tas-16 ta' April 2015 il-kawża tħalliet għas-sentenza, liema sentenza ngħatat fil-5 ta' Ottubru 2015.

13. Jirriżulta li Liquigas u Easygas, it-tnejn ħassewhom aggravati mid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti, għalhekk iż-żewġ partijiet intavolaw l-appelli rispettivi tagħhom fis-26 ta' Ottubru 2015.

14. Jirriżulta li sussegwentement l-Appell Numru 207/2011/2 ġie appuntat għas-smigħ fil-5 ta' Novembru 2020, li jfisser li ġie appuntat **<u>ħames snin u għaxart ijiem</u>** wara li ġie intavolat ir-rikors tal-appell.

15. Jirriżulta li, sussegwentement, ftit anqas minn xahar wara, ossija fl-10 ta' Diċembru 2020, il-Qorti tal-Appell iddisponiet mill-appelli taż-żewġ partijiet u rriformat is-sentenza appellata.

16. Jirriżulta illi skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, Easygas kienet issa ordnata tħallas lil Liquigas Limited is-somma ta' € 436,965 oltre` s-sorte u imgħaxijiet legali mid-data tal-preżentata tas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

17. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi s-soċjeta' rikorrenti qiegħda, permezz tal-azzjoni preżenti, tressaq ilment ta' indole kostituzzjonali li abbażi tiegħu qiegħda tikkontendi ksur ta' drittijiet ta' l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-bniedem, kif sanċita

taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, minħabba nuqqas ta' raġonevolezza ta' żmien u dewmien sabiex jiġi appuntat l-appell fil-każ Rikors Numru 207/2011/2 Liquigas Malta Limited vs Easygas Malta Limited.

18. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimat Avukat ta' l-Istat, qajjem dawn id-difiżi li huma s-segwenti:

    a. Il-jedd għal smigħ xieraq taħt l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma ġie bl-ebda mod mittiefes.
    b. Il-fatt innifsu li l-proċeduri fil-każ 207/2011 damu ftit aktar minn għaxar snin, ma jfissirx li l-kumapanija Easygas Malta Limited ġarrbet ksur ta' jedd fundamentali għaliex m'hemm l-ebda time-limit li l-awtorita` ġudizzjarja trid bilfors tosserva.
    c. Il-ġurisprudenza kostanti kemm tal-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li t-tul tal-proċeduri ġudizzjarji m'għandux jiġi determinat minn numru ta' snin iżda abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-ġurisprudenza.
    d. Sabiex jinstab li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali kif qed tallega s-soċjeta' rikorrenti, irid jintwera li tali dewmien kien wieħed kappriċċuż u maħsub biex jiżvantaġġa lir-rikorrent.
    e. Illi kienet is-soċjeta' Easygas Malta Limited li opponiet sabiex il-każ Rikors Numru 207/2011 jinstema' b'urġenza, u issa qed tilmenta minn dewmien meta hija stess opponiet għall-proċeduri mingħajr dewmien.
    f. Peress li m'għandux jinsab ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-kumpanija rikorrenti, isegwi li t-tieni u t-tielet talba għandhom ukoll jiġu miċħuda.
    g. Anke f'każ li jinsab li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali, il-kumpanija rikorrenti għandha tingħata biss danni morali mhux danni pekunarji.
    h. M'hemm l-ebda preżunzjoni pekunarja li l-kumpanija rikorrenti sofriet dannu pekunarju meta ġiet ordnata tħallas l-interessi lil Liquigas Malta Limited.
    i. Il-kumpanija rikorrenti xorta ma jistħoqqilhiex li tingħata danni pekunarji, għaliex il-kumpanija rikorrenti ma tistax tilmenta li ġarrbet dannu finanzjarju, konsegwenza tal-aġir irresponsabbli tagħha fil-konfront tas-soċjeta' Liquigas Malta Limited, u dan dejjem jekk jinstab li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali.

**Meritu tal-każ**

19. L-ilment tas-soċjeta' rikorrenti tirrigwarda il-fatt illi, fi stadju ta' Appell, il-kawża baqgħet wieqfa għal aktar minn ħames snin, u dana bi ksir ta' l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

20. L-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi:

> *"Kull Qorti jew awtorita`oħra ġudikanti imwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha*

*tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċedura għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita` oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq* ***għeluq żmien raġonevoli****.”*

21. L-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jistipula:

*"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjeta' demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew sa fejn ikun rigorażament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."*

22. F'dan il-kuntest huwa relevanti li jinsab assodat fil-ġurisprudenza ta' Strasbourg u tal-Qorti Kostituzzjonali, li biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm nuqqas ta' smigħ xieraq wieħed irid jeżamina l-proċedura ġudizzjarja kollha kemm hi fit-totalita` tagħha. (Ara ad. eż. l-każ **Van Mechelen and Others vs The Netherlands** deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-23 ta' April 1997, fejn ingħad hekk:

*"When deteriming if there has been a breach of the right to affair hearing the court makes an evaluation of the fairness of the entire domestic proceedings…..this approach also enables the Court to consider whether defects in first instance proceedings have been rectified by subsequent appellate hearings……"*

23. Fil-każ **Dimech vs Malta** (34373/13) deċiż fit-2 ta' April 2015, ġie ritenut li f'każ ta' stħarriġ jekk il-proċedura ssodisfatx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea:

*"The Convention organs have also consistently held that such an issue can can only be determined by examining the proceedings as a whole, save where an event or particular aspect may have been significant or important that it amounts to a decisive factor for the overall assessment of the proceedings as a whole – pointing out, however, that even in those cases it is on the basis of proceedings as a whole that a ruling should be made as to whether there has been a fair hearing of the case (see inter alia* ***X vs Switzerland*** *no.9000/80, Commission decision of 11 March 1982;* ***B vs*** **Belgium** *Commission decision of 3 October 1990)".*

24. Il-ġurisprudenza tgħid ċar u tond, li sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm smigħ xieraq fi proċeduri ġudizzjarji fi żmien raġonevoli a tenur tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, jridu jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha partikolari f'dik il-proċedura u l-proċedura trid titqies fit-totalita` tagħha.

25. Relevanti wkoll huwa l-każ **David Martinelli vs Avukat Ġenerali et** deċiż mill-Prim' Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-3 ta' Lulju 2008 li tratta dan il-punt tad-

dewmien, u ntqal, li fl-istħarriġ m'hemmx leżjoni abbażi tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proċeduri u b'mod partikolari:

1. In-natura u/jew komplessita tal-każ in kwistjoni;
2. Il-kondotta tal-partijiet fil-kawża;
3. Il-mod kif dawk il-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorita` ġudizzjarja stess.

26. Referibbilment għal dawn it-tlett fatturi prinċipali li għandhom jiġu eżaminati, l-Avukat tal-Istat irrefera, għall-kawżi **Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Ġenerali** deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Ottubru 2003, **Francis Said vs Avukat Ġenerali** deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Frar 2010, **Sydney Ellul Sullivan vs il-Kummissarju tal-Pulizija et** deċiż fit-28 ta' Jannar 2013 u **Victoria Cassar vs Avukat Ġenerali et** deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru 2019, fejn f'dan l-aħħar każ ingħad:

> *"Huwa fid-diskrezzjoni tal-qorti illi tgħarbel u tislet sewwa sew il-għaliex il-proċeduri twalu daqstant u allura b'dak id-dewmien esaġerat u mhux ġustifikat seħħet vjolazzjoni tal-jedd għal smigħ xieraq.*
>
> *Fil-kompitu tagħha l-qorti trid tkun indikata minn tlett indikaturi ewlenin: i) il-kumplessita` tal-każ, ii) l-imġieba proċesswali tal-kontendenti u iii) il-kondotta tal-proċeduri mill-organu ġudizzjarju."*

27. Dwar is-smigħ xieraq fi żmien raġonevoli l-awturi **Harris, O' Boyle and Warbick** fil-ktieb **Law of the European Convention of Human Rights** (raba' edizzjoni (2018) jispjegaw illi:

> *"The purpose of the reasonable time guarantee, which applies to both criminal and non-criminal cases, is to protect 'all parties to court proceedings… against excessive procedural delays' (Stogmuller vs Austria A 9 (1969) p.40, 191. On the guarantee, see Henzelin and Rordorf, 5 Nj ECL 78 (2014) and 'underlines the importance of rendering justice without delays which might jeopordise its effectiveness and credibility' (H vs France A 162-A) 1989); EHRR 74 para 58).*
>
> *The reasonabless of the length of proceedings in both criminal and non-criminal cases depends on the particular circumstances of the case (Konig vs Germany A 27 (1978); 2 EHRR 170 PC and Pedersen and Baadsgaard vs Denmark 2004-XI; 42 EHRR 486 GC). There is no absolute time-limit. Factors that are always considered are the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the competent administrative and judicial authorities (Konig vs Germany; ibid). The Court also takes into account what is 'at stake' for the applicant (Frydlender vs France 2000-VII; 31 EHRR 1152 GC, what is 'at stake' is sometimes treated as a separate fourth factor: see eg. Surmeli vs Germany 2006- VII; 44 EHRR 438 GC)."*

28. Fil-każ in eżami jirriżulta, jidher ċar illi s-soċjeta' rikorrenti ma hijiex qiegħda tilmenta dwar it-trapass ta' żmien quddiem l-Qorti ta' l-Ewwel Istanza, fejn inżammew b'kollox sebgħa u għoxrin (27) seduta, bejn l-1 ta' Marzu 2011 u l-5 ta' Ottubru 2015, meta ġiet deċiża il-kawża.

29. Li qiegħda tikkontesta huwa illi, wara s-sentenza finali, iż-żewġ partijiet, intavolaw l-appelli rispettivi tagħhom fis-26 ta' Ottubru 2015, kif kellhom kull dritt illi jagħmlu, liema appell iżda ġie appuntat għas-smigħ fil-5 ta' Novembru 2020, ossija aktar minn ħames snin wara.

30. Il-Qorti mal-ewwel tosserva illi, għalkemm ir-rikorrent damet ħames snin u għaxart ijiem sabiex tidher quddiem il-Qorti tal-Appell biex tittratta l-appell tagħha, eventwalment id-deċiżjoni finali ingħatat fi żmien ferm qasir wara l-appuntar għas-smigħ tal-każ. Jidher ċar, għalhekk, illi d-dewmien prinċipali kien solament fl-istennija tal-appuntar għall-appell, u kien dan illi s-soċjeta' Easygas Malta Limited kienet qed tilmenta dwaru.

31. Fis-sottomissjonijiet, is-soċjeta' rikorrenti qed tikkontendi, li dan jikkostitwixxu ksur serju tad-drittijiet tas-soċjeta' rikorrenti li jingħataw smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. F'dan ir-rigward, is-soċjeta' rikorrenti aċċennat għall-fatt li fis-sena 2021, ġew introdotti l-emendi fil-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili, sabiex jindirizzaw il-problemi ta' dilungar sakemm jiġu appuntati l-appelli.

32. Minn naħa l-oħra, l-Avukat tal-Istat, fis-sottomissjonijiet tiegħu sostna, li l-imġieba tas-soċjeta' Easygas Malta Limited attribwiet għad-dewmien. Ġie sottolineat fis-sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat, li fl-ewwel seduta miżmuma fis-16 ta' Mejju 2011, is-soċjeta' Easygas Malta Limited kienet opponiet li l-kawża tinstema' b'urġenza, nonostante t-talbiet għad-danni u l-konsegwenzjali ħlas. Ġie sostnut ukoll mill-Avukat tal-Istat, li kieku Easygas Malta Limited ma opponietx għat-talba għal smigħ b'urġenza, skont Regolament 9(1) (vi) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-bon ordni (LS 12.09), il-kawża kienet ser tinstema bi preċedenza fuq il-kawżi l-oħra, dan inkluż ukoll fir-rigward taż-żmien li fih ġie appuntat l-appell.

33. B'referenza għal dawn is-sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat, din il-Qorti tirribadixxi, li l-argument li l-każ jinstema' b'urġenza, ma jreġġix, proprju għaliex kieku kull każ ikun jista' jużufruwixxi minn dan, u jingħata vantaġġ fi stadju ta' appell. Fil-fatt, kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem huma lista speċifika ta' kawżi skont is-suġġett tagħhom, li jingħataw il-reċedenza sabiex jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Appell.

34. Jirriżulta, bħala fatt illi, fl-ewwel grad, il-kawża tħalliet għas-sentenza fis-16 ta' April 2015, u ġiet deċiża fil-5 ta' Ottubru 2015. Sussegwentement, kien hemm ħames snin u għaxart ijiem stennija sabiex il-kawża tiġi appuntata fl-istadju ta' l-appell, preċiżament ġie appuntat għas-smigħ fil-5 ta' Novembru 2020. L-appell, fejn bis-sentenza kif riformata, ġie deċiż fl-10 ta' Diċembru 2020.

35. Ikkunsidrat l-ilment tas-soċjeta' rikorrenti fl-ottika tad-difiżi imqajma mill-Avukat tal-Istat, din il-Qorti hija tal-fehma, li huwa minnu li kif sottolineat mill-intimat ma jeżisti ebda time-limit li fiha trid tiġi konkluża l-proċedura ġudizzjarja. Madankollu, jridu jiġu evalwati it-tlett konsiderazzjonijiet supraċitati (kif elenkati fil-ġurisprudenza, u fil-każ **David Martinelli vs Avukat Ġenerali et**), u jinstilet il-fatt saljenti li seta' wassal għal

dewmien, anke jekk evidentement fil-każ in eżami, ma kienx hemm l-ebda dilungar leġġer jew kappriċċuż.

36. Hawn hekk, issir referenza għall-każ **Leo Micallef et vs Avukat tal-Istat** deċiż mill-Prim' Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) (62/2018) fit-30 ta' Settembru 2021. Dan il-każ jitratta ilment simili għal dak tal-kawża odjerna, fejn ir-rikorrenti f'dak il-każ kienu qed jilmentaw minn dilungar proprju fl-istadju tal-istennija għall-appuntar ta' l-appell. Jiġi osservat, li f'dak il-każ iż-żmien li r-rikorrenti damu jistennew sabiex jiġi appuntat l-appell kien erba' snin u tmien xhur filwaqt li fil-każ in eżami t-terminu ta' stennija għall-appuntar tal-appell kien ta' ħames snin u għaxart ijiem. Jiġi osservat ukoll, li din id-deċiżjoni fil-każ **Micallef et vs Avukat tal-Istat et** ma ġietx appellata.

37. F'dik is-sentenza ġie spjegat fit-tul għaliex il-każ idum fil-kju sakemm jiġi appuntat għall-appell. Din il-Qorti ser tikkwota estratti minn dak enunċjat fil-każ suċitat **Leo Micallef et Avukat tal-Istat**, fejn intqal hekk:

> *"Illi jibda billi jingħad li l-Onorabbli Qorti tal-Appell mhux biss hija mgħobbija bis-smigħ tal-appelli tal-Prim' Awla Qorti Ċivili, pero hija wkoll mgħobbija b'appelli mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Għawdex), mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja (Għawdex) u mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Kummerċ), dan skont Art 41(8) tal-Kodiċi Ċivili. Mhux biss, il-Qorti tal-Appell tieħu wkoll konjizzjoni tal-appelli imsemmijin fl-Artikoli 6 tal-Liġi dwar il-legati taż-Żwieġ, skont l-Artikolu 42 tal-Kodiċi Ċivili, kif ukoll ta' kawżi oħra li bid-disposizzjonijiet espressa tal-liġi huma mħollijin għaliha, skont l-Artikolu 44 tal-Kodiċi Ċivili. Kif hu mistenni wkoll mingħajr distinzjoni jridu jingħataw smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.*
>
> *Mill-banda l-oħra, jrid jingħad ukoll li l-Onorabbli Qorti tal-Appell hija wkoll tenuta li f'ċirkostanzi partikolari elenkati fil-liġi, jitqiegħdu l-ewwel għas-smigħ, u fil-fatt jinstemgħu l-ewwel kawżi segwenti:*
>
> *Kawżi ta' ritrattazzjoni*
> *Kawżi ta' spoll imsemmija fl-*Artikolu 791 tal-Kodiċi
> *Kawżi dwar disprezz tal-Qorti*
> *Appelli minn deċiżjonijiet tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)*
> *Kawżi li għandhom x'jaqsmu ma' l-għarfien u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi barranin*
> *Kawżi ta' arbitraġġ*
> *Kawżi li minn natura tagħhom stess jeħtieġ li jiġu trattati bi speditezza akbar.*
>
> *Għalhekk, essenzjalment l-Onorabbli Qorti tal-Appell m'għandhiex kontroll sħiħ fuq il-lista u dan stante li meta jidħol appell li jrid jingħata priorita` kif timponi l-liġi, l-Onorabbli Qorti tal-Appell m'għandhiex għażla oħra ħlief li tappuntah u tiddeċidieh qabel każijiet oħra. Ovvjament dawn il-każi jingħataw il-preċedenza stante li minn natura tagħhom huma urġenti. Dan iżda xejn ma jrendi d-dewmien ta' smigħ ta' appelli oħra ġustifikati tenut kont taċ-ċirkostanzi.*
>
> *Fil-każ odjern jirriżulta li għal perjodu ta' ben aktar minn erba' snin, minn meta ġie intavolat l-appell u r-risposta għall-istess fil-proċedura ta' dak l-*

*istess appell ma sar xejn għajr li kien jistenna fil-kju sabiex jiġi appuntat. Għalhekk, ma jirriżultax li f'dan ir-rigward kien hemm xi nuqqas li jista' jiġi addebitat lil xi parti jew oħra. Din il-Qorti tqis li l-perjodu ta' erba' snin, tmien xhur u tmint ijiem huwa wieħed pjuttost twil anke meta komparat ma' żminijiet oħra fejn l-appelli quddiem l-istess Qorti kienu jieħdu ferm anqas biex jiġu appuntati. Din il-Qorti temmen li dan id-dewmien ma kienx riżultat ta' ineffiċjenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, pero` kien riżultat ta' bosta nuqqasijiet fis-sistema ġudizzjarja kif stabbiliti mill-Istat, inkluż numru limitat ta' ġudikanti li mhumiex biżżejjed biex ilaħħqu max-xogħol kollu li jidħol fil-Qrati, inkluż fil-Qorti tal-Appell, kif ukoll nuqqas mhux żgħir ta' ħaddiema kwalifikati fil-Qrati li jgħinu sabiex il-proċeduri jkunu jistgħu jimxu b'aktar speditezza inklużi 'clerks', 'deputati' u anke 'Avukati tal-Qorti'. Tant kienu evidenti dawn in-nuqqasijiet li malli ġiet ikkreata it-tielet sezzjoni tal-Qrati tal-Appell, kif jissottomettu l-istess rikorrenti, iż-żmien li wieħed jistenna biex appell jiġi appuntat naqas għalkemm xorta għadu wieħed twil. Għal dawn in-nuqqasijiet fis-sistema jista' biss jaħti l-Istat u ħadd aktar."*

38. Din il-Qorti tikkondividi dan l-argument kif suċitat u tagħmlu tagħha wkoll.

**39. Din il-Qorti tosserva ulterjorment illi huwa obbligu tal-Istat, u l-Istat biss, illi jipprovdi lill-Qrati l-għodda w ir-riżorsi neċessarji sabiex ikunu f'posizzjoni illi jassikuraw illi Ġustizzja tkun tista' ssir fi żmien raġjonevoli, u fin-nuqqas ta' tali għodda u riżorsi suffiċjenti, l-Istat għandu jagħmel tajjeb għal kwalsiasi ksur li jbagħti kwalsiasi ċittadin riżultat ta' dewmien ikkawżati minn tali nuqqasijiet.**

40. Għalhekk, il-Qorti tqis illi l-ilment tas-soċjeta' rikorrenti, dwar id-dewmien sabiex ġie appuntat l-appell, huwa wieħed ġustifikat u wassal għall-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

41. Madanakollu, għal fini ta' danni illi nkorriet is-soċjeta' rikorrenti, din il-Qorti tqis li huwa rilevanti li ssir referenza għall-Artikolu 207 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif kien viġenti waqt l-andament tal-każ Numru 207/2011 mertu ta' din il-vertenza, ossija qabel l-emendi tas-sena 2021.

42. Jibda biex jingħad, li l-**Artikolu 207 tal-Kap 12** kien jaqra hekk:

*"Fil-qorti fi grad ta' appell-*

*a) meta l-appell isir mill-attur biss, jew miż-żewġ partijiet, l-ordni tas-smigħ tal-kawża huwa l-istess kif jingħad fl-artikolu 204(1)*
*b) meta l-appell isir mill-konvenut biss hu jibda biex ifisser fil-qosor ir-raġunijiet ta' aggravju u jitlob it-tħassir jew it-tibdil tas-sentenza appellata, u mbagħad l-ordni tas-smigħ tal-kawża jissokta kif jingħad fl-artikolu 204(1):*

*Iżda fil-każ tal-paragrafi (a) u (b), jekk il-partijiet fi żmien tletin ġurnata wara li s-sottomissjonijiet bil-miktub jitqiesu li ġew konklużi, jippreżentaw fir-reġistru nota konġuntiva li fiha jiddikjaraw li ma għandhom l-ebda sottomissjonijiet verbali jew bil-miktub x'jagħmlu, il-Qorti fi grad ta' appell tista' tħalli l-kawża għas-sentenza f'data li ma tkunx aktar tard minn sitt xhur mill-preżentata tan-nota."*

43. Għandu jingħad illi permezz tal-Att XII tal-2021 fil-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili, saru emendi sostanzjali fil-proċedura kif indikata, u dana sabiex jitnaqqas id-dewmien fl-istennija għas-smigħ tal-appelli, liema emendi saru fit-18 ta' Ġunju 2021.

44. Mill-kliem ta' dan l-artikolu preċedentement għall-emendi, jirriżulta ampjament ċar, li s-soċjeta' rikorrenti Easygas Malta Limited, setgħet taġevola ruħha minn din id-disposizzjoni tal-liġi sabiex tħaffef il-proċess quddiem l-appell. Dan setgħet tagħmlu, madanakollu, fi kliem l-istess liġi bi qbil mal-parti l-oħra, ossija l-kontro-parti fil-kawża, billi tiġi ppreżentata nota konġuntiva.

45. Iżda, din il-Qorti ma tistax ma tosservax, li ma jirriżultax li s-soċjeta' rikorrenti ippruvat tutilizza din id-disposizzjoni tal-liġi sabiex tħaffef il-proċess waqt l-appell. Ma jirriżultax li sar xi tentattiv sabiex isir qbil mas-soċjeta' Liquigas Malta Limited dwar dan. Lanqas issemmiet din id-disposizzjoni tal-liġi matul din il-proċedura, b'hekk ma teżisti l-ebda prova li sar xi tentattiv mis-soċjeta' rikorrenti f'dan ir-rigward.

46. Konsegwentment, dan il-punt hawn fuq rilevat ser jittieħed in konsiderazzjoni sabiex jiġi mitigat il-kumpens dovut lis-soċjeta' rikorrenti f'dan il-każ.

**Danni**

47. Ladarba qed tintlaqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' rikorrenti rigward il-leżjoni tad-dritt fundamentali, isegwi li din il-Qorti trid ukoll tikkunsidra it-tieni u t-tielet talba tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotti.

48. Jiċi osservat, l-ewwel u qabel kollox, li meta s-soċjeta' rikorrenti qed titlob danni pekunarji u non pekunarji, f'dan il-każ id-danni li qed titlob għandhom jirriflettu biss il-ksur tad-drittijiet fundamentali. Għalhekk, kull forma ta' danni li tista' tingħata f'dan il-każ jirrappreżenta biss il-kumpens għad-dewmien li sofriet is-soċjeta' rikorrenti.

49. Dana qiegħed jingħad għax, minn dak reklamat mir-rikorrenti f'termini ta' danni, jidher illi hija tikkontendi li dawna għandhom ikopru l-fatt li s-soċjeta' rikorrenti kellha tħallas €350,000 – il-Qort tirrileva illi tali ħlas m'għandu l-ebda relevanza diretta mad-danni vantati f'din il-vertenza, u m'għandux x'jaqsam xejn mal-kumpens li ser jingħata f'dan il-każ.

50. Din il-Qorti tisħaq li l-interessi li kellha tħallas is-soċjeta' rikorrenti huma solament mertu tal-vertenza bejn iż-żewġ kumpaniji fil-każ Numru 207/2011, u bl-ebda mod ma jista' jiġi interpretat li dawk id-danni huma konsegwenza tad-dewmien tal-każ. Dawk id-danni w interessi, li kellha tħallas is-soċjeta' rikorrenti b'referenza għall-mertu tal-vertenza li kienet teżisti bejn is-soċjeta' Easygas Malta Limited u Liquigas Malta Limited, jitrattaw il-mertu tal-vertenza 207/2011 li ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell, kif *del resto* ġie eċċepit fl-aħħar eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.

51. Il-Qorti tosserva illi, fl-aħħar eċċezzjoni, l-Avukat tal-Istat saħaq li l-ammont ta' danni kien diġa deċiż fil-mertu, u għalhekk din il-Qorti ma kellhiex tqis dawn id-danni. Filwaqt illi taqbel parzjalment ma' dak sottomess, kif ġia fuq osservat, din il-Qorti ma

taqbilx ma' dak eċċepit fl-aħħar eċċezzjoni, ossija li s-soċjeta' Easygas Malta Limited ma jistħoqqilhiex tingħata ebda danni pekunarji.

52. Kif diġa' spjegat aktar 'il fuq, kwalunkwe kumpens u danni pekunarji jirriflettu biss it-terminu ta' dewmien sabiex jiġi appuntat għas-smigħ fl-appell, u bl-ebda mod ma jista jirrifletti jew ikun indikattiv tal-mertu oriġinali fil-każ numru 207/2011.

53. Għalhekk, il-Qorti, stabbilit illi kien hemm ksur, tqis illi s-soċjeta' rikorrenti għandha tingħata kumpens għad-danni sofferti mill-ksur lilha kkawżat minħabba fid-dewmien fl-appuntar tal-kawża fi stadju tal-appell, għal liema dewmien jaħti unikament l-Istat, u għalhekk l-Avukat tal-Istat, illi qiegħed hawnhekk jirrappreżentah. Tali danni, kif ġia osservat, huma relatati esklussivament mal-ksur soffert, u ma għandhom bl-ebda mod jikkumpensaw danni oħra li setgħet tbagħti s-soċjeta' rikorrenti, liema danni, semmai, jistgħu jkunu il-meritu ta' kawża oħra, iżda mhux din illi hija ta' natura Kostituzzjonali.

54. Għaldaqstant, din il-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat u ser tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' Easygas Malta Limited.

55. Jiġi osservat, madanollu, li din il-Qorti hija tal-fehma li l-każ in eżami jitratta biss danni pekunarji, u ikkunsidrati il-fatti u ċ-ċirkonstanzi tal-każ, talba għad-danni non-pekunarji ma tistax tiġi kkunsidrata favorevolment.

56. Għaldaqstant, bħala rimedju għal-leżjoni li s-soċjetà rikorrenti Easygas Malta Limited sofriet, kif fuq aħjar deskritt, il-Qorti qiegħda tillikwida d-danni pekunarji fl-ammont ta' **ħamest elef Ewro (€5,000)**.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tas-soċjeta' rikorrenti, u tal-Avukat tal-Istat;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijet kollha ta' l-Avukat tal-Istat.

**Tilqa'** l-**<u>Ewwel Talba</u>** tas-soċjeta' rikorrenti kif ġej billi:

**Tiddikjara** illi d-drittijiet tas-soċjeta' rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, hekk kif protett mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ġew ivvjolati bid-dewmien tal-kawża ċivili tagħha b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna d-dewmien ta' ħames snin u għaxart ijiem sabiex jiġi appuntat is-smigħ tal-appell fl-ismijiet Liquigas Malta Limited vs Easygas Malta Limited (Rikors Numru 207/2011/2).

**Tilqa' limitatament** it-**<u>Tieni Talba</u>** u għalhekk

**Tillikwida** l-ammont ta' danni pekunarji sofferti mis-soċjeta' rikorrenti kawża tal-leżjoni flagranti tad-dritt tagħha għas-smigħ xieraq fi żmien raġonevoli fl-ammont ta' ħamest elef Ewro (€5,000).

**Tilqa'** t-**<u>Tielet Talba</u>** kif ġej u;

**Tikkundanna** lill-Avukat ta' l-Istat iħallas lis-soċjeta' rikorrenti Easygas Malta Limited l-ammont ta' ħamest elef Ewro (€5,000) kif likwidat.

L-ispejjeż jitħallsu mill-intimat l-Avukat tal-Istat.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur